MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1293/2000/1

**Pietro Morabito**

**vs**

**Regina Bianca Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi s-socjeta' konvenuta hi debitrici tieghu fis-somma ta'ghaxart elef, mitejn u tnax-il lira maltin u wiehed u sebghin centezmu u hames millezmi (Lm10212.71,5) l-

ekwivalenti ta' 47,963,200 liri taljani (rata tal-kambju tal-lum 4696.42 liri taljani = LM1) prezz ta'prodotti alimentari varji mibugha u kkonsentjati lis-socjeta' konvenuta;

Illi l-kreditu hu likwidu cert u dovut u fil-fehma tal-attur m'hemmx kontestazzjoni dwaru mis-socjeta,' konvenuta, li effettivament offriet il-pagament permezz ta' assenji li ma gewx onorati;

Ghalhekk l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-

1. tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma fuq imsemmija ta'ghaxart elef, mitejn u tnax il-lira maltin u wiehed u sebghin centezimi u hames millezmi (Lm10212.71,5) prezz ta'prodotti alimentari varji mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta konvenuta, u dana bid-dispenza ta'smiegh tal-provi, in vista tal-affidavit tal-attur "Dokument A" - fit-termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici tal-Orginizzjoni u Procedura Civili, Kap 12;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati ta'qbid u sekwestru kawtelatorji prezentati kontestwalment u bl-ispejjez tal-ittra legali tal-24 ta' Frar 2000 u bl- imghaxijiet legali dekorribbli mill-istess data, u bl-ingunzjoni tas-socejta' konvenuta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit :-

Preliminarjament, illi l-attur mhux residenti f'Malta u ghalhekk jehtieg illi jinkariga prokuratur sabiex jassumi l-atti u jidhol fil-gudizzju gha-nom u fl-interess tieghu;
.

Subordinatament u minghajr l-ebda pregudizzju fil-mertu l-ammont mitlub ma huwiex dovut billi parti sostanzjali tal-merci mibjugha u konsenjata lis-socjeta' essepjenti ma kienetx skond il-kwalita' pattwita u dana kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attur jippretendi li s-socjeta' konvenuta hi debitrici tieghu fis-somma ta'ghaxart elef, mitejn u tnax-il lira maltin u wiehed u sebghin centezmu u hames millezmi (Lm10212.71,5) prezz ta' varji prodotti alimentari mibugha u kkonsentjati lis-socjeta' konvenuta. B'hekk l-attur qed jitlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallsu l-imsemmija somma;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta qed teccepixxi preliminarjament illi l-attur mhux residenti f'Malta u b'hekk irid jinkariga lill xi hadd biex jirrappresentah f'dawn il-proceduri. Subordinatament u fil-mertu, s-socjeta konvenuta teccepixxi li l-ammont mitlub mhux dovut billi parti sostanzjali tal-merci in kwestjoni ma kienitx tal-kwalita' pattwita;

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Is-socjeta konvenuta naqset li tipproduci provi in sostenn ta' dak li gie sottomess minnha fl-eccezzjonijiet.

Konsegwentement l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ma jistghu qatt jigu milqugha;

Ghal dawn ir-ragunijiet :-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta'ghaxart elef, mitejn u tnax il-lira maltin u wiehed u sebghin centezimi u hames millezmi (Lm10212.71,5) prezz ta'prodotti alimentari varji mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta konvenuta u dana bl-imghaxxijiet kollha legali kif mitluba u cioe' mill-24 ta' Frar 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------